REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1344

tat-18 ta' Lulju 2017

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-"Nomenklatura Magħquda" jew in-"NM"), li hija stabbilita fl-Anness I tiegħu.

(2) Bħalissa, il-kliem tan-Noti Addizzjonali 4 u 5 tal-Kapitolu 17 tan-Nomenklatura Magħquda, kif ukoll tan-Noti Addizzjonali 3 u 4 tal-Kapitolu 21 tagħha jirreferi għall-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ([2]), li jistabbilixxi l-metodi għall-kalkolu tal-kontenut tas-sukrożju fiz-zokkor mhux maħdum u f'ċerti ġuleppijiet.

(3) Il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 se jitħassru mill-1 ta' Ottubru 2017, minħabba li wara li nbidlet il-politika agrikola, ġiet emendata s-sistema ta' kwoti tal-produzzjoni taz-zokkor. Għalhekk, ir-referenzi għall-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 li hemm fin-Noti Addizzjonali 4 u 5 tal-Kapitolu 17 tan-NM, kif ukoll fin-Noti Addizzjonali 3 u 4 tal-Kapitolu 21 tagħha mhux se jibqgħu jgħoddu.

(4) Fl-interess taċ-ċertezza legali u sabiex jiġi evitat li jinħoloq vojt legali, jeħtieġ li dawk in-Noti Addizzjonali jiġu emendati u li l-metodi analitiċi applikabbli jiddaħħlu direttament fihom.

(5) Fid-dawl tat-titjib fil-metodi analitiċi li jintużaw biex jiġi stabbilit il-kontenut taz-zokkor, il-metodu analitiku użat dal-ħin biex jiġi kkalkulat il-kontenut taz-zokkor ta' ċerti prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 17 u li jistgħu jiġu influwenzati mill-matriċi tal-kampjun jew minn komposti interferenti għandu jinbidel bil-metodu tal-kromatografija likwida bi prestazzjoni għolja ("il-metodu tal-HPLC").

(6) Madankollu, l-metodu tal-HPLC ma jistax jintuża għal għadd ta' prodotti oħrajn li jaqgħu taħt il-Kapitolu 17, kif ukoll għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 21, li fihom il-kontenut taz-zokkor mhux imsejjes biss fuq is-sukrożju, il-fruttożju, il-glukożju u l-maltożju, minħabba li dawn fihom ukoll tipi ta' zokkor oħrajn. Għal dawk il-prodotti, il-kontenut tas-sukrożju, inklużi tipi ta' zokkor oħrajn mogħtija bħala sukrożju, għandu jiġi stabbilit billi jintuża l-metodu tar-rifrattometrija skont l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 ([3]).

(7) Sabiex tkun żgurata interpretazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-istabbiliment tal-kontenut taz-zokkor ta' ċerti prodotti, jeħtieġ li jiġu emendati n-Noti Addizzjonali 4 u 5 tal-Kapitolu 17 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda, kif ukoll in-Noti Addizzjonali 3 u 4 tal-Kapitolu 21 tagħha.

(8) Għalhekk jeħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 jiġi emendat skont dan.

(9) Il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 se jitħassru mill-1 ta' Ottubru 2017. Għalhekk jeħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 tal-11 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-metodu rifrattometru biex jitkejjel residwu xott solubbli fi prodotti proċessati minn frott u ħaxix għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 274, 16.9.2014, p. 6).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 hija emendata kif ġej:

(a) fil-Kapitolu 17, in-Noti Addizzjonali 4 u 5 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"*4. Għall-prodotti tas-subtitli 1702 20 10, 1702 60 95 u 1702 90 71, il-kontenut ta' zokkor (is-sukrows, il-fruktows, il-glukows u l-maltosju, fejn il-fruktows u l-glukows jingħataw fl-ekwivalenti tas-sukrows) għandu jiġi stabbilit billi jintuża l-metodu tal-kromatografija likwida bi prestazzjoni għolja ("il-metodu tal-HPLC") billi tintuża l-formola li ġejja:*

$S + 0{,}95 \times (F + G) + M$

fejn:

"S" huwa l-kontenut tas-sukrows stabbilit bl-użu tal-metodu tal-HPLC;

"F" huwa l-kontenut tal-fruktows stabbilit bl-użu tal-metodu tal-HPLC;

"G" huwa l-kontenut tal-glukows stabbilit bl-użu tal-metodu tal-HPLC; u

"M" huwa l-kontenut tal-maltosju stabbilit bl-użu tal-metodu tal-HPLC.

Għall-prodotti tas-subtitli 1702 60 80, 1702 90 80 u 1702 90 95, il-kontenut ta' sukrows, inklużi zokkrijiet oħrajn imfissrin bħala sukrows, għandu jiġi stabbilit billi jintuża l-metodu tar-rifrattometrija (mogħti fi gradi Brix skont l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 (*). Għall-prodotti tas-subtitli 1702 60 80 u 1702 90 80, ir-riżultati għandhom jinqalbu fl-ekwivalenti tas-sukrows billi l-gradi Brix jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent 0,95.

5. Għall-għanijiet tas-subtitli 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10 u 1702 90 30, it-terminu "isoglukows" ifisser il-prodott miksub mill-glukows jew mill-polimeri tiegħu b'kontenut bil-piż fl-istat xott ta' mill-inqas 10 % fruktows.

Għall-prodotti ta' dawk is-subtitli, il-kontenut ta' sukrows, inklużi zokkrijiet oħrajn imfissrin bħala sukrows, għandu jiġi stabbilit billi jintuża l-metodu tar-rifrattometrija (mogħti fi gradi Brix skont l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014).

(*) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 tal-11 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-metodu rifrattometru biex jitkejjel residwu xott solubbli fi prodotti proċessati minn frott u ħaxix għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 274, 16.9.2014, p. 6).*";

(b) fil-Kapitolu 21, in-Noti Addizzjonali 3 u 4 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"*3. Għall-għanijiet tas-subtitlu 2106 90 30, it-terminu "isoglukows" ifisser il-prodott miksub mill-glukows jew mill-polimeri tiegħu b'kontenut bil-piż fl-istat xott ta' mill-inqas 10 % fruktows.*

4. Għall-prodotti tas-subtitli 2106 90 30 u 2106 90 59, il-kontenut ta' sukrows, inklużi zokkrijiet oħrajn imfissrin bħala sukrows, għandu jiġi stabbilit billi jintuża l-metodu tar-rifrattometrija (mogħti fi gradi Brix skont l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 (*).

(*) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2014 tal-11 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-metodu rifrattometru biex jitkejjel residwu xott solubbli fi prodotti proċessati minn frott u ħaxix għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 274, 16.9.2014, p. 6).*".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER